MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 103/2005

APS Bank Limited (C 2192)
vs
Giuseppe Rubino u Spira Rubino

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Peress illi l-konvenut Giuseppe Rubino kien debitur versu l-Bank attur fis-somma ta' sitt elef, hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,542.13) rapprezentanti bilanc komplessiv ta' facilitajiet ta' overdraft u self moghti lill-istess konvenut mill-Bank attur kwantu ghas-somma ta' erbat elef, mija, sebgha u erbghin lira Maltin u centezmu (Lm4,147.01) bhala bilanc ta' debitu ta' "Overdraft Account" (Dok A), kwantu ghas-somma ta' elf, seba' mija, disgha u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1,769.39) bhala bilanc ta' debitu ta' "Loan Account" (Dok. B), u kwantu ghas-somma ta' sitt mija u

hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm625.73) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Interest Disposal Current Account” (Dok. C) oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Peress illi l-konvenuta l-ohra u cioe` Spira Rubino kienet ikkostitwiet ruhha bhala garanti solidali ma’ l-imsemmi Giuseppe Rubino favur is-socjeta` attrici u dana bhala garanzija ghal hlas lura ta’ l-imsemmi facilitajiet u ghal hlas ta’ l-imghaxijiet relattivi u dan kif irrizulta mill-Guarantee Forms prezentati mac-citazzjoni – G1 (Dok. D u E).

Peress illi ghalhekk il-konvenuti kollha, b’mod solidali bejniethom, kienu debituri tas-socjeta` attrici ta’ l-imsemmija somma ta’ sitt elef, hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,542.13) oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Peress illi l-konvenuti kienu gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-imsemmija somma izda baqghu inadempjenti.

Il-bank attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti, b’mod solidali bejniethom, huma debituri tas-sojceta` attrici tas-somma ta’ sitt elef, hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,542.13) dovuti kwantu ghas-somma ta’ erbat elef, mija, sebgha u erbghin lira Maltin u centezmu (Lm4,147.01) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Overdraft Account” (Dok. A), kwantu ghas-somma ta’ elf, sebgha mija, disgha u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1,769.39) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Loan Account” (Dok. B), u kwantu ghas-somma ta’ sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm625.73) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Interest Disposal Current Account” (Dok. C) oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-konvenuti, b'mod solidali bejniethom, ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' sitt elef, hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,542.13).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti '***in solidum***' inkluzi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni u ta' sekwestru prezentati kontestwalment mac-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti '***in solidum***' li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tal-bank attur.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur fejn fiha ssemma li l-konvenut Giuseppe Rubino huwa debitur versu l-Bank attur fis-somma ta' sitt elef, hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,542.13) rapprezentanti bilanc komplessiv ta' facilitajiet ta' overdraft u self moghti lill-istess konvenut mill-Bank attur kwantu ghas-somma ta' erbat elef, mija, sebgha u erbghin lira Maltin u centezmu (Lm4,147.01) bhala bilanc ta' debitu ta' "Overdraft Account" numru 11227031016 (Dok. A), kwantu ghas-somma ta' elf, sebgha mija, disgha u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1,769.39) bhala bilanc ta' debitu ta' "Loan Account" numru 11227032023 (Dok. B), u kwantu ghas-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm625.73) bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Current Account" numru 11227030021 (Dok. C) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv. Illi l-konvenuta l-ohra u cioe` Spira Rubino kienet ikkostitwiet ruhha bhala garanti solidali ma' l-imsemmi Giuseppe Rubino favur is-socjeta` attrici u

dana bhala garanzija ghal hlas lura ta’ l-imsemmi facilitajiet u ghal hlas ta’ l-imghaxijiet relattivi u dan kif irrizulta mill-Guarantee Forms prezentati mad-dikjarazzjoni – G1 (Dok. D u E). Illi ghalhekk il-konvenuti kollha, b’mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjeta` attrici ta’ l-imsemmija somma ta’ sitt elef, hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,542.13) oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv. Illi l-konvenuti kienu gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-imsemmija somma izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna.

Rat illi fit-13 ta’ Mejju, 2005 Dr. Charmaine Zammit ghall-konvenuti pprezentat nota ta’ ammissjoni, liema nota giet konfermata mill-konvenuti stess fir-Registru tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta’ Mejju, 2005 Dr. Stefan Meilak ghall-bank attur ipprezenta nota ta’ riduzzjoni tas-sorte ghall-ammont ta’ Lm150 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk minhabba ammissjoni tal-konvenuti, il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti, b’mod solidali bejniethom, huma debituri tas-sojceta` attrici tas-somma ta’ sitt elef, tliet mija u tnejn u disghin liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,392.13) dovuti kwantu ghas-somma ta’ erbat elef, mija, sebgha u erbghin lira Maltin u centezmu (Lm4,147.01) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Overdraft Account” (Dok. A), kwantu ghas-somma ta’ elf, sebgha mija, disgha u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1,769.39) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Loan Account” (Dok. B), u kwantu ghas-somma ta’ sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm625.73) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Interest Disposal Current Account” (Dok. C) oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv; tikkundanna lill-konvenuti, b’mod solidali bejniethom, ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ sitt elef, tliet mija u tnejn u disghin liri Maltin u tlettax-il centezmu

(Lm6,392.13) u dan minhabba n-nota ta' riduzzjoni li giet prezentata.

Spejjez kontra l-konvenuti '***in solidum***' inkluzi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni u ta' sekwestru prezentati kontestwalment mac-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti '***in solidum***'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------